MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Numru 6/2007

Il-Pulizija
(Spettur Johann J. Fenech)

vs

John Callus

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 682831(M) akkuzat talli:

1. bejn is-26 u d-29 ta’ Mejju, 2006 fir-residenza ‘City of Melbourne’, Triq Filippu Farrugia, Zurrieq, geghel annimal isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn;
2. fid-29 ta’ Mejju, 2006 ghall-habta tal-11:30am fl-istess lok, qatel annimal ta’ razza domestikata jew li tappartjeni ghal razza selvagga izda li tkun giet domestikata.

Art 8(2), 13(1) & 45 tal-Kap 439

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dina l-kawza tinstema sommarjamant, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat taht il-Kap 439 imsejjah l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Illi f’dan il-kaz il-pulizija aggixxew fuq rapport li ircevew fejn inghad lilhom li l-imputat kien qatel il-kelb tieghu.

Issa jirrisulta mill-atti li l-persuni li allegaw dan il-fatt ma xehdux. Lanqas jirrisulta li bhala fatt xi persuna assistiet jew rat l-event li ta lok ghall-mewt tal-kelb. Li jirrisulta biss hu li l-Pulizija fil-kors tal-investigazzjoni taghha u fil-waqt li l-kelb gie rijesumat innutaw li kellu hmura fuq mohhu. Dan il-fatt wahdu ma wassalx biex jippruvaw l-akkuzi.

Illi l-Qorti kull ma ghandha ghalhekk hija x-xhieda ta’ bin l-imputat u l-istqarrija tal-istess imputat li jghidu dak li jghidu u din l-Qorti ma thossx li lanqas ghandha taghmel xi inferenzi minnhom. Fuq kollox il-fatti kif spjegati minnhom huma veromensili.

Fic-cirkostanzi ghalhekk u billi l-akkuzi ma gewx pruvati qeghda tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------